MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2013

Numru. 1164/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND J BORG**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**

**KONTRA**

**SILVANO CILIA, iben Emanuel u Georgina nee' Cutajar, imwieled Tal-Pieta' nhar is-16.03.1975, residenti fil-fond numru 5, Triq Santa Marija, Sqaq Nru 4, Ghaxaq, detentur tal-karta tal-identita' numru 150275M;**
**U ROMINA CACHIA, bint missier mhux maghruf u Maria Dolores nee' Cachia, imwielda Tal-Pieta' nhar is-16.11.1976, residenti fil-fond Pia, Flat 1, Triq San Tumas, Safi, detentrici tal-karta tal-identita' numru 32977M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Silvano Cilia** u **Romina Cachia** li gew akkuzati talli, flimkien, f'dawn il-Gzejjer, nhar is-7 ta' Novembru, 2010:

1. Kellhom fil-pussess taghhom id-droga erojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jamminfatturaw jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kinux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom id-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jippruvaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li kienet turi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghhom;

2. **Romina Cachia wahidha** akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-7 ta' Novembru, 2010, forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga erojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga mesmmija, minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4

tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli bhala persuna li mhix impjegata fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorita' legittima, dahhlet jew ippruvat iddahhal f'xi parti tal-konfini ta' habs xi oggett, ikun li jkun, li huma pprojbiti skont xi regolamenti maghmula skont dan l-Att, jew iggorr jew tipprova ggorr xi oggett bhal dawk barra minn xi habs, u dan bi ksur tal-Artikolu 7 u 7(a) tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli kkommettiet reat waqt li kienet taht Ordni ta' Probation, moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr Lawrence Quintano LL.D. nhar il-5 ta' Frar, 2010, liema sentenza saret defittivia u ma tistax tigi mibdula;

5. <u>**Silvano Cilia wahdu**</u> akkuzat talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat illi z-zewg akkuzati wiegbu li ma kinux hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Rat ukoll il-Kontro Ordni mibghuta mill-Avukat Generali taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli hekk mibghuta, cioe':

<u>**Fil-konfront ta' Silvano Cilia wahdu:**</u>

- L-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>**Fil-konfront ta' Romina Cachia wahidha:**</u>

- L-Artikoli 7(1)(2) tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll fir-rigward tal-Artikoli mibghuta li l-imputati taw il-kunsens taghhom ghal proceduri sommarji (folio 282).

Semghet ix-xhieda kollha.

Rat l-atti kollha lilha ezebiti, u semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi minn naha tieghu l-Ispizjar Mario Mifsud, mahtur bhala espert biex janalizza d-droga misjuba u jaghti l-valur tal-istess, ezebixxa Dok MM folio 46, fejn l-istess Spizjar ikkonkluda:

*"Ghaldaqstant, mir-rizultati miksuba, l-esponent Mario Mifsud, Manager tal-Laboratorju Forensiku, jista' jikkonkludi li fit-trab ta' lewn kannella li kien hemm fil-pakkett, f'ammont nett totali ta' 4.56grammi, fid-dokument 457/10/01, instabet fih is-sustanza erojina. Il-purita' tat-trab ta' lewn kannella ghas-sustanza herojina kienet ta' circa 36.6%. Is-sustanza herojina hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Ezebixxa wkoll rapport iehor fejn gie stabbilit il-valur tad-droga misjuba, fejn ikkonkluda:

*"Ghaldaqstant, billi l-prezz medju bl-imnut ghal kull gramma ta' herojina skont ir-rapport "2007 National Report to the EMCDDA by the Reitox National Focal Point" kien ta' €46, il-prezz bl-imnut ta' 4.56grammi ta' herojina kien ta' circa €210."*

Minn naha tieghu, l-Ispettur Spiridione Zammit xehed illi waqt li Cilia kien gewwa CCF, kellu visit minn certu Romina Cachia. Hawn kif gie rapurtat lilu gie osservat li Cilia ha xi haga minn idejha. Gew arrestati t-tnejn. Xehed ghalhekk illi waqt li kellu z-zewg imputati gewwa l-Lock-Up, hu, WPS Diane Fenech, u PC 295 nizlu fil-Lock-Up u nduna (flimkien mal-pulizija msemmija) li dawn bdew jghajtu bejniethom, jikkomunikaw bl-ghajjat. Xehed illi sema' lil Silvano jghid lil Romina biex fl-istqarrijiet mal-

pulizija, hi ma kellha titkellem xejn fuq dak l-oggett li kienu qed isemmu l-pulizija, u li kellha tghid li kienet cavetta. Staqsieha Silvano, fi kliem l-Ispettur, jekk “il-majna s-sewda” (folio 55), missithix jew le.

Kompla jixhed l-Ispettur Spiridione Zammit li minn naha tieghu xehed illi gew infurmati li certu Silvano Cilia kien gie osservat mis-CCTV tal-Habs waqt contact visit li kellu ma’ certu Romina Cachia, li dan gie osservat jiehu xi haga minn idejha. Mill-strip search li saritlu gie nfurmat illi din tat rizultat fin-negattiv. Gie nfurmat ukoll li f’Division 6 hawn instabitlu fuqu haga tonda mdawra bit-tape. Xehed illi ghalhekk saret Inkjesta Magisterjali. Ghalhekk hu nvestiga flimkien mal-Ispettur Jesmond J Borg. Assistew ukoll ghall-konversazzjoni fil-Lock-Up bejn iz-zewg imputati, ghal ghajjat fejn Silvano beda jghid lil Romina biex fl-istqarrijiet mal-Ispettur ma kellha titkellem xejn, u biex tghid lill-pulizija li dak l-oggett kien cavetta. Staqsieha jekk hi missitx il-majna s-sewda. Ikkonferma li din il-konversazzjoni giet rekordjata bil-mobiles tal-Ispettur Jesmond J Borg u tal-Kuntistabbli li mbaghad gew estratti mill-espert Dr Martin Bajada.

Minn naha tieghu l-Ispettur Jesmond J Borg xehed li kien gie nfurmat mill-Ispettur Zammit dwar sejba ta’ pakkett suspettuz gewwa CCF. Illi fuq hekk skattat Inkjesta Magisterjali u li gew arrestati Silvano Cilia u Romina Cachia – l-imputati li kien qed jaghraf fl-Awla. Xehed illi z-zewg imputati ttiehdu l-ufficini tal-Ispettur biex jigu hekk mitkellma, u li xi hin minnhom biex jinghataw break tnizzlu isfel (gol-Lock-Up). Hemm gie rapurtat lilu li ghalkemm l-imputati kienu mizmuma ‘l boghod minn xulxin, kienu qed jirnexxielhom jikkomunikaw flimkien b’certu ghajjat. Ghalhekk hu flimkien mal-Ispettur Zammit, WPS 86, u PC 295 nizlu fil-Lock-Up u semghu l-konversazzjoni li kienet ghaddejja bejn iz-zewg imputati, liema konversazzjoni li anke giet rekordjata bil-mobiles. Semghu lil Silvan Cilia jghid lil Romina Cachia li waqt l-investigazzjoni kellha ssemmi biss il-kelma cavetta tal-locker, beda jghajjarha papra u pecluqa, u anke beda jheddidha fil-konfront tat-tfal taghha li kellha barra, (folio 80). Skont ix-xhud dan Cilia semma’ wkoll il-kliem majna s-sewda. Staqsieha fil-

fatt jekk kinitx misset il-majna s-sewda u meta Cachia wegbitu le, kien qallha li fuq l-istess allura kien hemm id-DNA tieghu biss. Kompla l-Ispettur li bl-estensjoni tal-inkarigu ta’ Dr Martin Bajada gia’ mahtur fl-Inkjesta, l-istess Dr Bajada kien eleva r-recordings ta’ din il-konversazzjoni minn fuq il-mobile phones taghhom.

Xehed f’dan ir-rigward Ex PC 295 Gilbert Cordina li wkoll assista ghall-konversazzjoni bejn l-imputati, li flimkien mal-Ispettur Jesmond Borg u WPS 86 hu rrekordja bil-mobile. Xehed illi Cilia beda jghid lil Romina li kellha tiftakar li barra kellha t-tfal, li ma kellhix tparla u li l-statement kellu jkun vojt. Xehed illi ghal diversi drabi beda jghidilha biex ma tkunx papra, u jekk missitx il-majna s-sewda minhabba raguni ta’ DNA.

Minn naha taghha WPS 86 Diane Fenech xehdet illi flimkien mal-Ispettur Jesmond J Borg u PC 925 Gilbert Cordina nizlet fil-Lock-UP u semghet konversazzjoni bejn l-imputati, nonostante li c-celel taghhom kienu ‘l boghod minn xulxin. Xehdet illi tant kienu qeghdin jghajtu bejniethom, li kienu jinstemghu minn zewg sulari ‘l fuq. Qalet illi Silvano beda jghidilha (lil Romina) li ma kinx jimpurtah mill-film, li kienet papra, biex ma titkellimx, jekk missitx il-majna s-sewda, allura li hi kellha sserrah mohhha in kwantu ghal DNA. Qalet illi l-Ispettur Jesmond J Borg beda jirrekordja minn naha tieghu bil-mobile tieghu din il-konversazzjoni. Beda jfakkarha li kellha t-tfal barra.

PS 100 Terence Azzopardi minn naha tieghu xehed illi hu, fuq informazzjoni li rcieva li l-imputat kien dahhal xi haga fil-parti tieghu u sussegwentement instabet fic-cella tape sewda mdawra fuqu, qal illi kien hu li kien eleva l-istess tape u li kien ghaddieha lill-Ispettur tieghu.

Minn naha tieghu, il-Maggur James Abela xehed illi hu kien gie nfurmat illi waqt contact visit gie mghoddi xi haga lil Silvano Cilia. Ta’ dan qal illi hu ra r-recording. Kien l-istess xhud illi ordna li Cilia jitqieghed f’Division 6. Hemm gie nfurmat illi nstabet xi haga ghand Cilia.

CO 133 Raymond Theuma jixhed illi hu kien dettaljat fis-sala tal-visti. Ircieva telefonata li kienet ghaddejja xi haga waqt il-contact visit li Silvano Cilia kellu mal-mara u t-tfal. Qal illi x'hin wasal fuqu hu gia' kellu jdejh fil-warrani, tant illi x'hin waslu huma (hu flimkien mal-kollegi tieghu) kien diga' hareg idejh minn mal-warrani. Ghamlulu strip search, pero x'hin talbuh idur u jitbaxxa, dan beda jhokk la genba mal-hajt u m'ghamilx dawk l-istruzzjonijiet lilu moghtija, tant illi minhabba f'hekk huwa ttiehed go Division 6 biex jiccekkjawh.

Identifika liz-zewg imputati bhala z-zewg persuni involuti.

In kontro ezami kkonferma li fil-fatt hu ma kien ra xejn stramb fil-contract visit bejn Romina u Silvano, stante li kellu hmistax-il contact visit x'jissorvelja. Li ra skondtu kien l-imputat inehhi jdejh minn mal-warrani.

Raymond Theuma kien qieghed jissorvelja l-visti fis-sala fejn isiru l-istess visti. Qal illi hu kien gie nfurmat li Cilia kellu visti ma' sinjura b'zewgt itfal u gie nnutat li Cilia dahhal idejh fil-warrani. Hu, cioe' x-xhud, flimkien ma' PC 1355 hatfuh minn idejh u haduh lejn is-search room. Qal illi dak il-hin ghamlu search fuq Cilia, pero hu beda jissara, u ghax bdew jissuspettaw li kellu xi haga fil-warrani tieghu, dan Cilia beda jitkaxkar mal-hajt u jdur kif suppost. Minn hawn tnizzel Division 6.

PC 1355 George Casha, ukoll ghassa mal-visiting room, ukoll xehed dwar it-telefonata li dahlitilhom fuq allegazzjoni li t-tfajla ta' Silvano Cilia kienet ghaddietlu xi haga. Qal illi fuq hekk ghamlulu strip search, pero waqt l-istess beda jintefaghlhom mal-hajt.

In kontro ezami wkoll ikkonferma li hu ma ra xejn hazin ghaddej bejniethom waqt il-contact visit. Zied illi hu x'hin mar fuq Cilia wara t-telefonata, kien rah b'idu hierga minn gol-qalziet.

CO 94 Charles Camilleri, minn naha tieghu xehed illi kien gie moghti struzzjonijiet josserva lil Cilia u fuqu jaghmlu strip search, dan gewwa Division 6. Spjega li dawn ic-

celel go Division 6 jinzammu biex meta jasal xi hadd gdid, iqieghduh hemm u jittawlulu, cioe' jzommuh taht sorveljanza. Darba li dahhluh go din ic-cella, hu, meta marru biex jaghmlu l-strip search fuq Cilia, ra lil CO 177 Matthew Cilia imur fuq l-imputat u jzommlu idu. Zied kif l-ufficjal imsemmi qabad id l-imputat, dawru, immanettjah, u minn idejn l-imputat waqa' ballun tond. Xehed illi rah jaqa' minn idejn l-imputat dan il-ballun. Iddeskrivieh bhala ballun kannella miksi go ballun tape iswed (folio 59).

Minn naha tieghu Matthew Cilia wkoll ikkonferma li marru jaghmlu spezzjoni lill-imputat Cilia flimkien ma' CO 94. Qal illi meta talbu l-hwejjeg, tah il-flokk u x-shorts f'daqqa. Rah jaghmel moviment u hasbu hazin (folio 61a). Xehed illi ra li kien qed iressaq idejh tar-right mal-warrani. Xehed illi hawn qallu biex jieqaf, ghafsu, illokkjah mal-hajt, fi kliemu, nizzlu mal-art, u mmanettjah. Hawn sab illi kien hemm qisu ballun roll tape iswed hdejn saqajn l-imputat. Dan kollu kkonferma go Division 6, fejn l-imputat gie mqieghed u huma, cioe' x-xhud u ohrajn minn shabu, qaghdu josservawh mit-trapna.

Hawn qieghda ssir referenza wkoll ghar-ritratti mehuda minn PS 644 Evan Camilleri u l-ballun elevat, kif jidher fl-istess relazzjoni – Dok EC, folio 208 et seq.

Minn naha tieghu, Acting Major Clint Zahra, ikkonferma li kien hu li ta CCTVs lill-Ispettur Spiridione Zammit, ezebixxa r-request form tal-istess, Dok CZ folio 255.

Clint Zahra minn naha tieghu xehed illi hu l-ufficjal inkarigat mill-Control Room tal-Habs. Qal illi hu kien gie nfurmat dwar suspetti li kienu nqalghu waqt visit li kelllu l-imputat, suspett li mara kienet ghddietlu xi haga. Ta' dan ra r-recording. Qal allura li hu kien ra anke lil persuna tghaddi xi haga lil Silvano Cilia.

Rat ukoll ir-relazzjoni ta' Dr Martin Bajada, senjalament l-stills mahruga mis-CCTVs tal-Habs, kif ukoll semghet ir-recordings mehuda minn fuq il-mobiles kif hawn fuq imsemmija, vide Dok MB.

Jirrizulta mill-stills innifishom, il-kuntatt fiziku bejn l-imputati, segwit dan bl-imputat Cilia jdawwar idejh fuq wara, wara dahru, u mbaghad jigi ghalih u jiehdu Raymond Theuma. Is-smiegh tar-recording tad-diskors li gie hekk rekordjat bejn l-imputati huwa ben riprodott fix-xhieda gia' hawn fuq riprodotta.

Rat ukoll l-istqarrijiet taz-zewg imputati ezebiti mill-Ispettur Jesmond J Borg. Fl-istqarrija taghha Romina Cachia kkonfermat li kienet marret tara lill-partner taghha, pero baqghet tghid li dik li kellha f'idejha kienet cavetta u li hi lil Silvano ma ghaddietlu xejn.

Minn naha tieghu Silvano Cilia fl-istqarrija kkonferma li kienu waqqfulu l-visit. Dwar il-ballun misjub, qal illi dan kien sabu hu mat-toilet tac-cella u tefghu fil-qalziet ta' taht. Ghamel dan, gabru, qal ghax qabditu l-kurzita'. Innega li kellu xi vizzju tad-droga. Insista li sabu fic-cella, li c-cella ma kinitx iccekkjata u li ma kinitx ic-cella tieghu, li fic-cella ghamel siegha biss u li darbtejn nezzghuh gharwien. Qal illi Romina f'idejha kellha cavetta.

Gew ezebiti wkoll diversi sentenzi fil-konfront tal-imputati, Dok RC1 folio 87 fil-konfront ta' Romina Cachia; SZ1 folio 112 fil-konfront ta' Silvano Cilia; Dok SZ2 folio 122 fil-konfront ta' Silvano Cilia.

Ikkunsidrat:

Certament u bla dubju ta' xejn, fil-pussess ta' Silvano Cilia nstab il-ballun gia' deskritt bil-kontenut kif gie analizzat. Dan instab fuqu darba li wara l-ewwel strip search huwa ttiehed ghal aktar osservazzjoni u strip search ohra go Division 6. Verament ma ngabet ebda prova li c-cella lilu assenjata f'din id-Divizjoni kienet giet imfittxa minn qabel, pero tenut kont ta' kif imxew l-affarijiet, din il-Qorti m'ghandhiex dubju li fil-fatt id-droga misjuba ghand Cilia dahhalha hu f'din ic-cella. Saret prova tax-xhieda okulari u bl-stills tal-kuntatt li sar bejn Cilia u Cachia waqt il-contact visit. Jidher car Cilia jdahhal u jdawwar idejh fuq wara. Jirrizulta wkoll mix-xhieda mressqa li hu ma kkoperax biex issirlu l-ewwel strip search, tant illi beda jitkaxkar mal-hajt,

b'rizultat illi ma setghux l-ufficjali jaraw x'kellu fil-warrani. Kumbinazzjoni mbaghad fit-tieni strip search hu jsib il-ballun bid-droga. Kemmxejn skuza u storja fjakka li d-Difiza tambret, illi c-cella ma kinitx diga' mfittxija qabel ma ddahhal Cilia fiha!! Ir-recordings prezentati mill-pulizija tal-konversazzjoni li sarret fil-Lock-Up bejn l-imputati, apparti kliem dekorattiv u baxx, juri car l-involviment taghhom it-tnejn.

Issa jirrizulta minn kliem l-istess Silvano Cilia fl-istqarrija minnu rilaxxata fit-8 ta' Novembru, 2010, illi hu ma kellux il-vizzju tad-droga. Jirrizulta mir-relazzjoni ta' Mario Mifsud li l-ammont misjub kien ta' 4.56grammi eroina, allura tistaqsi din il-Qorti, x'kellu bzonnu dan l-ammont ta' droga ghandu l-Habs Silvano Cilia, aktar u aktar ghalfejn Romina Cachia kellha tohodlu din is-sustanza f'dan l-ammont? Ma tara ebda raguni ohra din il-Qorti jekk mhux biss ghaliex biex din l-eroina ssir negozju minnha fl-ambjent tal-Habs.

Tenut dan kollu premess, din il-Qorti qieghda ssib htija fil-konfront taz-zewg imputati t-tnejn wara li rat l-Artikoli 22, u 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; GN 292/1939; u Taqsima 4 - 6 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Fil-konfront ta' Silvano Cilia wahdu:</u>**

- L-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Fil-konfront ta' Romina Cachia wahidha:</u>**

- L-Artikoli 7(1)(2) tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, ikkunsidrat illi certament ir-reati addebitati liz-zewg imputati huma gia' serji fin-natura taghhom, aggravanti issa dawn bl-inkluzjoni ta' droga f'post kontrollat tal-Habs. B'hekk, bl-azzjoni taghhom l-imputati ziedu l-abbuz ta' droga gewwa l-Habs, kabbru l-hazen

taghhom gewwa istituzzjoni li l-ghan taghha huwa suppost wiehed korrettiv, u aghar minn hekk riedu jikkapitalizzaw minn fuq l-istess, ghax certament Cilia ma kinx ser iqassam id-droga b'xejn b'xi att ta' karita'!!

Illi rat ukoll illi Cilia kien fil-fatt ukoll recidiv, allura tapplika fil-konfront tieghu l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 31 tal-istess Kapitolu.

Rat illi Romina Cachia giet anke akkuzata bi ksur tal-Artikolu 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi t-tnejn, moghtija opportunitajiet biex jirriformaw ruhhom, jew ma fehmu xejn jew ahjar, stante r-reati li taghhom issa nstabu hatja, ma riedu jifhmu xejn! Mhux talli hekk, talli dahhlu droga gewwa l-habs!! Litteralment qieghdu n-nar hdejn it-tiben!! Xejn aktar m'ghandha x'izzid din il-Qorti, hlief illi in kwantu ghar-recidiva fil-konfront ta' Cilia u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tenut kont li Cachia anke nstabet hatja taht il-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda timponi fuqhom piena karcerarja identika ta' erba'(4) snin u nofs prigunerija effettiva, u ta' multa ta' €5,000 kull wiehed.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-imputati ghas-somma ta' €1,888.71 ammontanti spejjez peritali, maqsuma fis-somma ta' €944.36 kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------